

31999L0017

12.4.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 97/45

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/17/KE

tat-18 ta' Marzu 1999

li taddatta għall-progress tekniku id-Direttiva tal-Kunsill 76/761/KE li għandha x'taqsam mal-fanali ta' quddiem tal-vetturi bil-mutur li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut u mal-bozoz bil-filament elettriċi inkandexxenti għal dawn il-fanali ta' quddiem

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 98/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/761/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut u mal-bozoz bil-filament elettriċi inkandexxenti għal dawn il-fanali ta' quddiem ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Fillandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

(1) Billi d-Direttiva 76/761/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilita mid-Direttiva 70/156/KEE; billi, b'konsegwenza, id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 70/156/KEE li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tal-vetturi japplikaw għad-Direttiva 76/761/KEE;

(2) Billi, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE jeħtieġu li kull Direttiva separata jkollha mehmuża magħha dokument ta' informazzjoni u wkoll ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ibbażat fuq l-Anness VI mad-Direttiva 70/156/KEE sabiex l-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi kompjuttrizzata; billi ċ-ċertifikat(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip previst fid-Direttiva 76/761/KEE għandu jiġi emendat kif xieraq;

(3) Billi l-proċeduri għandhom jiġu simplifikati sabiex tinżamm l-ekwivalenza maħsuba mill-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 70/156/KEE bejn ċertu Direttivi separati u r-regolamenti korrispondenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN-ECE), meta dawk ir-regolamenti huma emendati; billi, bħala l-ewwel pass, il-ħtiġiet tekniċi tad-Direttiva 76/761/KEE għandhom jinbidlu b'dawk tar-Regolamenti UN-ECE Nri 1, 5, 8, 20, 31, 37, 98 u 99 permezz ta' *cross-reference*;

(4) Billi hu neċessarju li jkun assigurat li jkun hemm konformità mal-ħtiġiet fid-Direttiva tal-Kunsill 76/756/KEE ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/28/KE ⁽⁵⁾;

(5) Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-adattazzjoni għall-progress tekniku stabbilit mid-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 76/761/KEE hi emendata kif ġej:

1. It-titlu jinbidel b'li ġej:

“dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut u ma' sorsi tad-dawl (bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom.”

⁽¹⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25.⁽³⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 96.⁽⁴⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 171, tat-30.6.1997, p. 1.

2. Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 jinbidel b' li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal kwalunkwe tip ta' fanal ta' quddiem li jiffunzjona bħala fanal ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut u għal kwalunkwe tip ta' sors ta' dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati li jissodisfaw l-ħtiġiet ta' kostruzzjoni u ta' ttestjar stipulati fl-Annessi rilevanti."

3. L-Artikoli 2, 3 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, għal kull tip ta' fanal ta' quddiem li jiffunzjona bħala fanal ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut jew għal kull tip ta' sors ta' dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati li huma japprovaw skond l-Artikolu 1, joħroġu lill-manifattur marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent li tikkonforma mal-mudell muri fl-Anness I, l-Appendiċi 5.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipprevjenu l-użu ta' marki li x'aktarx joħolqu konfużjoni bejn il-fanali ta' quddiem li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut u sors(i) ta' dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati li ngħataw l-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 1, u mezzi oħrajn.

Artikolu 3

1. Ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali ta' quddiem li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut u sors(i) ta' dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni jew il-metodu tagħhom ta' funzjonament, jekk ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.

2. Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' fanali ta' quddiem li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut u sors(i) ta' dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati li jkollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent li konsistentement jonqsu li jikkonformaw mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu minnufih jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda, filwaqt li jispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin, permezz tal-proċedura speċifikata fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 70/156/KEE, b'kull approvazzjoni li jkun taw, ċaħdu jew irtiraw skond din id-Direttiva,"

4. Fl-Artikolu 5(1), l-ewwel sentenza tinbidel b'li ġej:

"Jekk l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent KE isib li numru ta' fanali ta' quddiem li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut jew sors(i) ta' dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati li jkollhom l-istess marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent ma jikkonformawx mat-tip li hu jkun approva, għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jassigura li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat."

5. Fl-Artikolu 6, l-ewwel sentenza tinbidel b'li ġej:

"Kwalunkwe deċiżjoni meħuda skond id-dispożizzjonijiet addottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva biex tiġi miċħuda jew irtirata l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal fanal ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut jew għal sors(i) ta' dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati jew biex jiġi pprojbit it-tqegħid tagħhom fis-suq jew l-użu tagħhom għandha tagħti fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom hi bbażata."

6. L-Artikoli 7, 8 u 9 jinbidlu b'li ġej:

"Artikolu 7

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali ta' quddiem tiegħu li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut jew għal sors(i) ta' dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent u jitwāhllu skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 8

Ebda Stat Membru ma jista' jiċħad jew jipprojbixxi l-bejgħ jew ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali ta' quddiem tagħha li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut jew għas-sors(i) tad-dawl (bozza/bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent u jitwāhllu skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'vettura' tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karrozzerija jew mingħajrha, li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25 km fis-siegħa, ħlief għall-vetturi li jimxu fuq il-linji u t-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-makkinarju mobbli kollu."

7. L-Annessi huma sostitwiti bit-test fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. Mill-1 ta' Ottubru 1999, jew, jekk il-pubblikazzjoni tat-testi msemija fl-Artikolu 3 tiddardja lil hinn mill-1 ta' April 1999, sitt xhur wara d-data attwali tal-pubblikazzjoni ta' dawn it-testi, l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali ta' quddiem li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut u għal sorsi ta' dawl (bozoz bil-filament u oħrajn) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati, minn hawn 'l quddiem magħrufa bħala "fanali ta' quddiem" u "sorsi ta' dawl", rispettivament:

— jirrifjutaw, fejn għandu x'jaqsmu tip ta' vettura jew tip ta' fanal ta' quddiem jew sors ta' dawl, li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni ta' tip nazzjonali, jew

— jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, jew il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' fanali ta' quddiem jew sorsi ta' dawl,

basta li l-fanali ta' quddiem jew is-sorsi ta' dawl jikkonformaw mal-ħtiġiet tad-Direttiva 76/761/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, u li, sa fejn il-vetturi huma konċernati, huma installati skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

2. Mill-1 ta' April 2000 l-Istati Membri:

— ma'għandhomx iktar jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, u

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali

għal kwalunkwe tip ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fanali ta' quddiem jew mas-sorsi ta' dawl, u għal kwalunkwe tip ta' fanal ta' quddiem jew sors ta' dawl, jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 76/761/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, mhumiex sodisfatti.

3. Mill-1 ta' April 2001 il-ħtiġiet tad-Direttiva 76/761/KEE li għandhom x'jaqsmu mal-fanali ta' quddiem jew sorsi ta' dawl bħala komponenti, kif emendata minn din id-Direttiva, għandhom ikunu applikabbli għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, għall-iskopijiet tal-partijiet ta' tibdil l-Istati Membri għandhom jibqgħu jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' fanali ta' quddiem u sorsi ta' dawl u jippermettu l-bejgħ u d-dħul fis-servizz tagħhom, skond il-verżjonijiet preċedenti tad-Direttiva 76/761/KEE basta li dawn il-fanali ta' quddiem u s-sorsi ta' dawl

— huma maħsuba li jitwāhħlu ma' vetturi diġa' fl-użu, u

— jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' dik id-Direttiva li kienu applikabbli meta l-vetturi kienu l-ewwel irreġistrati.

Artikolu 3

Il-paragrafi u l-annessi tar-Regolamenti tal-UN-ECE Nri 1, 5, 8, 20, 31, 37, 98 u 99, imsemmija fl-Anness II, III, IV, V, VII, VIII u IX, il-punt 2.1, għandhom jiġu ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Komunitajiet Ewropej qabel l-1 ta' April 1999.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Ottubru 1999; madankollu, jekk il-pubblikazzjoni tat-testi msemija fl-Artikolu 3 hi mdewwma iktar mill-1 ta' April 1999, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ma' dan l-obbligu sitt xhur wara d-data attwali tal-pubblikazzjoni ta' dawn it-testi. Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 1999, jew, jekk il-pubblikazzjoni tat-testi msemija fl-Artikolu 3 tiddewwem lil hinn mill-1 ta' April 1999, sitt xhur wara d-data attwali tal-pubblikazzjoni ta' dawk it-testi.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

“LISTA TA’ L-ANNESSI

ANNEX I:	Disposizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip
Appendiċi 1:	Dokument ta' informazzjoni (il-fanali ta' quddiem)
Appendiċi 2:	Dokument ta' informazzjoni (is-sorsi ta' dawl)
Appendiċi 3:	Ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip (il-fanali ta' quddiem)
Appendiċi 4:	Ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip (is-sorsi ta' dawl)
Appendiċi 5:	Mudelli tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent
ANNEX II:	Kamp ta' applikazzjoni u l-ħtiġiet tekniċi għall-fanali ta' quddiem mgħammra b'bozoz bil-filament tal-kategoriji R2 u/jew HS1
ANNEX III:	Kamp ta' applikazzjoni u l-ħtiġiet tekniċi għall-fanali ta' quddiem ta' dawl issiġġillat
ANNEX IV:	Kamp ta' applikazzjoni u l-ħtiġiet tekniċi għall-fanali ta' quddiem mgħammra b'bozoz bil-filament tal- <i>halogen</i> tal-kategoriji H ₁ , H ₂ , H ₃ , HB ₄ , H ₇ u/jew H ₈
ANNEX V:	Kamp ta' applikazzjoni u l-ħtiġiet tekniċi għall-fanali ta' quddiem mgħammra b'bozoz bil-filament tal- <i>halogen</i> tal-kategorija H ₄
ANNEX VI:	Kamp ta' applikazzjoni u l-ħtiġiet tekniċi għall-fanali ta' quddiem tal- <i>halogen</i> bid-dawl issiġġillat
ANNEX VII:	Kamp ta' applikazzjoni u l-ħtiġiet tekniċi għall-fanali bil-filament għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati
ANNEX VIII:	Kamp ta' applikazzjoni u l-ħtiġiet tekniċi għall-fanali mgħammra b'sorsi ta' dawl li jarmu l-gass
ANNEX IX:	Sorsi ta' dawl li jarmu l-gass għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati li jarmu l-gass.

Nota: Kif użat fl-Annessi l-kliem 'dawl tas-sewqan' għandu l-istess tifsira bħal 'dawl ewlieni', u l-kliem 'dawl passanti' għandu l-istess tifsira bħal 'dawl baxxut'.

ANNEX I

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

1. Dan l-Anness għandu x'jaqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent ta'
 - 1.1. fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jarmu dawl passanti assimetriku jew dawl tas-sewqan jew it-tnejn, mgħammra b'bozoz bil-filament tal-kategoriji R2 u/jew HS1 u li jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness II;
 - 1.2. fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur 'b'dawl issiġġillat' li jarmu dawl passanti assimetriku jew dawl tas-sewqan jew it-tnejn u li jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness III;
 - 1.3. fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jarmu dawl passanti assimetriku jew dawl tas-sewqan jew it-tnejn, mgħammra b' bozoz bil-filament tal-kategoriji H₁, H₂, H₃, HB₃, HB₄, H₇ u/jew H₈ u li jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness IV;
 - 1.4. fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jarmu dawl passanti assimetriku jew dawl tas-sewqan jew it-tnejn, mgħammra b' bozoz bil-filament tal-kategorija H₄ u li jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness V;
 - 1.5. fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur tal-*halogen* 'b'dawl issiġġillat' li jarmu dawl passanti assimetriku jew dawl tas-sewqan jew it-tnejn u li jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness VI;
 - 1.6. bozoz bil-filament għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom li jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness VII;
 - 1.7. fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur mgħammra b'sorsi ta' dawl li jarmu l-gass u li jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness VIII;
 - 1.8. sorsi ta' dawl li jarmu l-gass għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati li jarmu l-gass ta' vetturi bil-mutur li jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Anness IX.
2. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPLEMENT
 - 2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għal tip ta' fanal ta' quddiem għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.
 - 2.1.1. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni hu mogħti fl-Appendiċi 1.
 - 2.1.2. Dan lii ġej għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli biex iwettaq it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:
 - 2.1.2.1. Kampjuni kif ġej:
 - 2.1.2.1.1. għal tip ta' fanal ta' quddiem imsemmi fil-punti 1.1., 1.3. u 1.4. fuq: żewġ kampjuni;
 - 2.1.2.1.2. għal tip ta' fanal ta' quddiem imsemmi fil-punti 1.2. u 1.5. fuq: ħames kampjuni;
 - 2.1.2.1.3. għal tip ta' fanal ta' quddiem imsemmi fil-punt 1.7. fuq: żewġ kampjuni b'sorsi ta' dawl li jarmi l-gass *standard* u *ballast* wieħed għal kull tip li għandu jintuża, fejn applikabbli;

- 2.1.2.2. għat-test tal-materjal tal-plastik li minnu huma magħmula l-lentijiet:
- 2.1.2.2.1. tlettax-il lenti (erbatax-il lenti fil-każ ta' fanali ta' quddiem imsemmija fil-punt 1.7.);
- 2.1.2.2.2. sitta (għaxra) minn dawn il-lentijiet jistgħu jinbidlu b'sitt (għaxar) kampjuni ta' materjal mill-inqas 60 mm × 80 mm fid-daqs, li jkollhom wiċċ ċatt jew *convex* u żona sostanzjalment ċatta (ir-raġġ tal-kurvatura mhux inqas minn 300 mm) fin-nofs li tilħaq mill-inqas 15 mm × 15 mm);
- 2.1.2.2.3. kull lenti jew kampjun ta' din ix-xorta ta' materjal għandha tiġi prodotta bil-metodu li għandu jintuża fil-produzzjoni bil-massa;
- 2.1.2.2.4. riflettur li miegħu jistgħu jiġu mqabbla l-lentijiet skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.
- 2.1.2.3. Għall-ittestjar, meta applikabbli, ir-reżistenza UV ta' komponenti li jittrasmettu d-dawl magħmula minn materjal tal-plastik kontra r-radjazzjoni UV ta' sorsi ta' dawl li jarmu l-gass fil-fanal ta' quddiem:
- 2.1.2.3.1. Kampjun wieħed kull wieħed tal-materjal rilevanti kif inhu wżat fil-fanal ta' quddiem jew kampjun ta' fanal ta' quddiem wieħed li jkollhom fihom. Kull kampjun tal-materjal għandu jkollu l-istess dehra u trattament tal-wiċċ - jekk hemm - kif maħsub għall-użu fil-fanal ta' quddiem li għandu jiġi approvat.
- 2.1.2.3.2. L-ittestjar tar-reżistenza għall-UV ta' materjali interni għar-radjazzjoni tas-sorsi ta' dawl mhijiex neċessarja jekk sorsi ta'dawl li jarmu l-gass ta' tip ta' UV baxxa qed jiġu applikati, jew jekk huma meħuda dispożizzjonijiet biex jipproteġu l-komponenti rilevanti mir-radjazzjoni UV, eż. permezz ta' filtri tal-ħġieġ.
- 2.1.2.4. Il-materjali li jagħmlu l-lentijiet u l-*coatings*, jekk hemm, għandu jkollhom magħhom ir-rapport tat-test dwar dawn il-materjali u l-*coatings* jekk diġa ġew ittestjati.
- 2.2. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għal tip ta' sors ta' dawl għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.
- 2.2.1. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni hu mogħti fl-Appendiċi 2.
- 2.2.2. Dan lii ġej għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli biex iwettaq it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:
- 2.2.2.1. għal tip ta' bozza bil-filament imsemmi fil-punt 1.6. fuq: ħames kampjuni ta' kull kulur li kien hemm applikazzjoni għalih;
- 2.2.2.2. għal tip ta' sors ta' dawl li jarmi l-gass imsemmi fil-punt 1.8. fuq: tliet kampjuni u kampjun wieħed tal-*ballast*;
- 2.2.2.3. fil-każ ta' tip ta' sors ta' dawl li jvarja biss fl-isem kummerċjali jew *trade mark* minn tip li diġà ġie approvat, għandu jkun biżżejjed li tiġi sottomessa:
- 2.2.2.3.1. dikjarazzjoni mill-manifattur li t-tip sottomess hu (ħlief fl-isem kummerċjali jew *trade mark*) identiku għal, u ġie prodott mill-istess manifattur tat-tip diġà approvat, ta' l-aħħar identifikat mill-kodiċi ta' l-approvazzjoni tiegħu;
- 2.2.2.3.2. żewġ kampjuni li jkollhom l-isem kummerċjali jew *trade mark* il-ġdida.

3. IMMARKAR
 - 3.1. Il-mezzi sottomessi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandu jkollhom:
 - 3.1.1. Fil-każ tal-fanali ta' quddiem (*):
 - 3.1.1.1. fuq il-lenti, l-isem kummerċjali jew *trade mark* tal-manifattur;
 - 3.1.1.2. fuq il-lenti u fuq il-korp ewlieni (**), spazji ta' daqs suffiċjenti għall-marka ta' l-approvazzjoni msemmija fil-punt 5; dawn l-ispazji għandhom jiġu ndikati fuq it-tpingġijiet imsemmija fl-Appendiċi 1;
 - 3.1.1.3. jekk iddisinjati biex jissodisfaw il-ħtiġiet kemm ta' traffiku fuq in-naħa tal-lemin u fuq in-naħa tax-xellug, marki li jindikaw iż-żewġ *settings* ta' l-unità ottika fuq il-vettura jew tas-sors ta' dawl fuq ir-riflettur; dawn il-marki għandhom jikkonsistu fl-ittri 'R/D' għall-pożizzjoni tat-traffiku fuq in-naħa tal-lemin u l-ittri 'L/G' għall-pożizzjoni tat-traffiku fuq in-naħa tax-xellug;
 - 3.1.1.4. Id-dwal kollha tal-fanali msemmija fil-punt 1.7. jista' jkollhom fuq il-wiċċ li jarmi d-dawl ċentru ta' referenza kif muri fl-Anness 6 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1. ta' l-Anness VIII.
 - 3.1.2. Fil-każ ta' bozoz bil-filament fuq l-għatu jew il-bozza, li fil-każ ta' l-aħħar il-karatteristiċi luminużi m'għandhomx jiġu affettwati bil-kontra:
 - 3.1.2.1. l-isem kummerċjali jew *trade mark* tal-manifattur; jekk l-istess kodiċi ta' approvazzjoni jingħata lil diversi ismijiet kummerċjali jew *trade marks*, wieħed jew iktar minnhom ikunu biżżejjed biex jissodisfaw din il-ħtieġa;
 - 3.1.2.2. il-vultaġġ ratat;
 - 3.1.2.3. it-titlu internazzjonali tal-kategorija rilevanti;
 - 3.1.2.4. il-wattage ratat (fis-sekwenza, il-filament prinċipali/il-filament sekondarju għal bozoz b'filament doppju); dan m'għandux għalfejn jiġi indikat b'mod separat jekk inhu parti mit-titlu internazzjonali tal-kategorija tal-bozza bil-filament rilevanti;
 - 3.1.2.5. spazju ta' daqs suffiċjenti biex jakkomoda l-marka ta' l-approvazzjoni li għandha tiġi ndikata fuq it-tpingġijiet imsemmija fl-Appendiċi 2.
 - 3.1.2.6. Iskrizzjonijiet oħrajn ta' xort' oħra minn dawk koperti mill-punti 3.1.2.1. sa 3.1.2.5. u 6. jistgħu jitwāhħlu kemm-il darba ma jaffettwawx b'mod differenti l-karatteristiċi luminużi.
 - 3.1.3. Fil-każ ta' sorsi ta' dawl li jarmu l-gass fuq l-għatu:
 - 3.1.3.1. l-isem kummerċjali jew *trade mark* tal-manifattur;
 - 3.1.3.2. it-titlu internazzjonali tal-kategorija rilevanti;
 - 3.1.3.3. il-wattage ratat; dan m'għandux jiġi indikat separatament jekk inhu parti mit-titlu internazzjonali tal-kategorija rilevanti;

(*) Fil-każ ta' fanali ta' quddiem iddisinjati biex jissodisfaw il-ħtiġiet tat-traffiku li jimxi fuq naħa waħda tat-triq biss (jew fuq il-lemin jew fuq ix-xellug) hu wkoll rakkomandat li ż-żona li tista' tiġi okkultata biex tipprevjeni n-nuqqas ta' kumdità għall-dawk li jużawha f'pajjiż fejn it-traffiku jimxi fuq in-naħa l-oħra tat-triq għal dik tal-pajjiż li għalih il-fanal ta' quddiem kien iddisinjat għandha tiġi *outlined* mingħajr ma jitħassar fuq il-lenti ta' quddiem u spjegata fil-ktieb ta' manutenzjoni tal-vetturi. Dan l-immarkar m'huwiex neċessarju, madankollu fejn iż-żona tidher b'mod ċar mid-disinn.

(**) Jekk il-lenti ma tistax tiġi sseparata mill-korp ewlieni tal-fanal ta' quddiem, id-dispożizzjoni ta' żona ta' l-immarkar fuq il-lenti jkun biżżejjed.

3.1.3.4. spazju ta' daqs suffiċjenti biex jakkomoda l-marka ta' l-approvazzjoni li għandha tiġi indikata fuq it-tpingġiet imsemmija fl-Appendiċi 2.

3.1.3.5. Iskrizzjonijiet oħrajn ta' xort' oħra minn daww koperti mill-punti 3.1.3.1. sa 3.1.3.4. u 6. jistgħu jiġu annessi ma' l-għatu.

3.1.3.6. Il-*ballast* użat għall-approvazzjoni tat-tip tas-sors ta' daww għandu jiġi mmarkat b'identifikazzjoni tat-tip u *trade mark* u bil-vultaġġ u l-*wattage* ratati, kif indikat fuq il-folja tad-data tal-fanal rilevanti.

4. GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

4.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabbli, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

NB: Xejn f'din id-Direttiva m'għandu jżomm Stat Membru milli jipprojbixxi l-kombinazzjoni ta' fanal ta' quddiem li jinkorpora lenti ta' materjal tal-plastik approvat taħt din id-Direttiva b' mezz mekkaniku li jnaddaf il-fanali ta' quddiem (bil-*wipers*).

4.2. Mudell għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE hu mogħti

4.2.1. fl-Appendiċi 3 għall-applikazzjonijiet imsemmija fil-punt 2.1.;

4.2.2. fl-Appendiċi 4 għall-applikazzjonijiet imsemmija fil-punt 2.2.;

4.3. Numru ta' approvazzjoni konformi ma' l-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE għandu jingħata lil kull tip ta' fanal ta' quddiem approvat. L-istess Stat Membru m'għandux jagħti l-istess numru lil tip ieħor ta' fanal ta' quddiem.

4.4. Meta l-approvazzjoni ta' tip tal-KE ta' komponent tintalab għal tip ta' mezz ta' daww u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi fanal ta' quddiem u fanali oħrajn, numru wieħed ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jista' jingħata basta li l-fanal ta' quddiem jikkonforma mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u li kull wieħed mill-fanali l-oħrajn li jiffurmaw parti mill-mezz ta' daww u ta' sinjalazzjoni bid-dawl għalihom l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tintalab jikkonforma mad-Direttiva separata li tapplika għalih.

4.5. Kodiċi ta' approvazzjoni għandu jingħata lil kull tip ta' sors ta' daww approvat. Jikkonsisti f'kodiċi ta' identifikazzjoni magħmul f'mhux iktar minn żewġ karattri magħżula min-numri Arabi u l-ittri kbar imniżżla fin-nota fil-qiegħ tal-paġna (*), b'quddiemhom numru ta' sekwenza ta' numru wieħed mogħti lill-emenda teknika maġġuri l-iktar riċenti għall-Anness rilevanti tad-Direttiva 76/761/KEE fid-data li fiha ngħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE. F'din id-Direttiva kategorija 2b iva n-numru ta' sekwenza hu

— 2 għall-Anness VII,

— 0 għall-Anness IX,

L-istess Stat Membru m'għandux jagħti l-istess kodiċi lil tip ta' sors ta' daww ieħor.

5. MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT Għall-fanali ta' quddiem

5.1. B'żieda mal-marki msemmija fil-punt 3.1., kull fanal ta' quddiem li jikkonforma mat-tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollu marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.

(*) 0 1 2 3 4 5 6 7 8 9

A B C D E F G H J K L M N P R S T U V W X Y Z.

- 5.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f':
- 5.2.1. rettanglu madwar l-ittra 'e' b'warajh in-numru jew l-ittri li jiddistingwuha ta' l-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip:
- | | |
|------------------|----------------------|
| 1 għall-Ġermanja | 11 għar-Renju Unit |
| 2 għal Franza | 12 għall-Awstrija |
| 3 għall-Italja, | 13 għall-Lussemburgu |
| 4 għall-Olanda, | 17 għall-Fillandja |
| 5 għall-Isvezja | 18 għad-Danimarka |
| 6 għall-Belġju | 21 għall-Portugall |
| 9 għal Spanja | 23 għall-Greċja |
| | IRL għall-Irlanda; |
- 5.2.2. fil-qrib tar-rettanglu 'in-numru bażi ta' l-approvazzjoni' miżmum fis-sezzjoni 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE, b'quddiemu ż-żewġ figuri li juru n-numru ta' sekwenza mogħti lill-emenda teknika maġġuri l-iktar riċenti lill-Anness rilevanti tad-Direttiva 76/761/KEE fid-data li fiha nġatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE. F'din id-Direttiva n-numru ta' sekwenza hu
- 01 għall-Anness II,
 - 02 għall-Anness III,
 - 04 għall-Anness IV,
 - 02 għall-Anness V,
 - 02 għall-Anness VI,
 - 00 għall-Anness VIII.
- 5.2.3. simboli addizzjonali kif ġej:
- 5.2.3.1. fuq fanali ta' quddiem li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' traffiku fuq in-naħa tax-xellug biss, vleġġa orizzontali, li tipponta lejn il-lemin ta' osservatur li jħares lejn il-fanal ta' quddiem, jiġifieri mal-ġenb tat-triq li fiha jimxi t-traffiku;
- 5.2.3.2. fuq fanali ta' quddiem iddisinjati biex jissodisfaw il-ħtiġiet taż-żewġ sistemi tat-traffiku permezz ta' aġġustament xieraq tat-tqegħid ta' l-unità ottika jew tal-bozza bil-filament, vleġġa orizzontali b'ras fuq kull tarf, l-irjus jippuntaw rispettivament lejn ix-xellug u lejn il-lemin;
- 5.2.3.3. fuq fanali ta' quddiem li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva fejn għandu x'jaqsam id-dawl passanti biss, l-ittra 'C';
- 5.2.3.4. fuq fanali ta' quddiem li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva fejn għandu x'jaqsam id-dawl tas-sewqan biss, l-ittra 'R';
- 5.2.3.5. fuq fanali ta' quddiem li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva fejn għandhom x'jaqsmu kemm id-dawl passanti u d-dawl tas-sewqan, l-ittri 'CR';
- 5.2.3.6. b'quddiemhom l-ittra(i):
- S fil-każ ta' fanali ta' quddiem imsemmija fil-punt 1.2,
 - H fil-każ ta' fanali ta' quddiem imsemmija fil-punti 1.3. u 1.4.,,
 - HS fil-każ ta' fanali ta' quddiem imsemmija fil-punt 1.5,
 - D fil-każ ta' fanali ta' quddiem imsemmija fil-punt 1.7.;
- 5.2.3.7. fuq il-fanali ta' quddiem li jinkorporaw lenti ta' materjal tal-plastik il-grupp ta' l-ittri PL għandhom jit-waħħlu ħdejn is-simboli preskritti fil-punti 5.2.3.3. sa 5.2.3.5. fuq;

- 5.2.3.8. fuq fanali ta' quddiem imsemmija fil-punti 1.3, 1.4., 1.5., u 1.7. li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva fejn għandu x'jaqsam id-dawl tas-sewqan, indikazzjoni ta' l-intensità luminuża massima espressa minn marka ta' referenza, imqiegħda ħdejn ir-rettanglu madwar l-ittra 'e'; fil-każ ta' fanali ta' quddiem reċiprokament inkorporati, indikazzjoni ta' l-intensità luminuża massima tad-dwal tas-sewqan globali għadha tiġi espressa bħal fuq.

Il-marka ta' referenza msemmija fuq hi definita fil-

- paragrafu 6.3.2.1.2. tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1., ta' l-Annessi IV u V,
- paragrafu 8.3.2.1.2. tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1., ta' l-Anness VI,
- paragrafu 6.3.2.2. tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1., ta' l-Anness VIII,

kif applikabbli.

- 5.2.3.9. F'kull każ il-mod rilevanti ta' operazzjoni wżat matul il-proċedura tat-test skond il-paragrafu 1.1.1.1. ta' l-Anness 'X' u l-vultaġġ(i) permess(i) skond il-paragrafu 1.1.1.2. ta' l-Anness 'X' għandhom jiġu stipulati fuq iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip (Appendiċi 3).

Fil-każijiet korrispondenti il-mezz għandu jiġi mmarkat kif ġej:

Fuq fanali ta' quddiem li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva li huma hekk iddisinjati li l-filament tad-dawl passanti m'għandux jinxtegħel fl-istess ħin ma' dak ta' xi funzjoni li ddawwal oħra li magħha tista' tkun reċiprokament inkorporata: linjaa oblikwa (/) għandha titqiegħed wara s-simbolu tal-fanal passanti fil-marka ta' l-approvazzjoni.

Fuq fanali ta' quddiem imsemmija fil-punti 1.1., 1.3. u 1.4. li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Anness 'X' ma' din id-Direttiva biss meta forniti b'vultaġġ ta' 6 V jew 12-il V, simbolu li jikkonsisti fin-numru 24 maqtuġh b'salib oblikwu (X) għandu jitqiegħed ħdejn il-*holder* tal-bozza bil-filament.

l-Anness 'X' ifisser:

- l-Anness 4 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Annessi II u VIII ma' din id-Direttiva,
- l-Anness 5 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Annessi III, IV u V ma' din id-Direttiva,
- l-Anness 6 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness VI ma' din id-Direttiva,

kif applikabbli.

- 5.3. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandha tkun imwahnha mal-fanal b'dak il-mod li ma titħassarx u tkun tista' tinqara b'mod ċar anke meta l-fanal hu mwahnha mal-vettura.

- 5.4. Arranġament tal-marka ta' l-approvazzjoni.

- 5.4.1. Fanali indipendenti:

Eżempji tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE huma mogħtija fil-figura 1 ta' l-Appendiċi 5.

- 5.4.2. Fanali raggruppati, kkombinati jew reċiprokament inkorporati:

- 5.4.2.1. Meta numru wieħed ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent hu maħruġ, skond il-punt 4.4 fuq, għal tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi fanal ta' quddiem u fanali oħrajn, tista' tiġi annessa marka ta' l-approvazzjoni tat-tip, li tikkonsisti f':

- 5.4.2.1.1. rettanglu madwar l-ittra 'e' b'warajh in-numru jew l-ittri li jiddistingwuh ta' l-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip (ara l-punt 5.2.1);
- 5.4.2.1.2. in-numru bażi ta' l-approvazzjoni (ara punt 5.2.2., l-ewwel nofs sentenza);
- 5.4.2.2. Din il-marka tista' titqiegħed kullimkien fuq il-fanali li huma raggruppati, kkombinati jew reċiprokament inkorporati, sakemm:
- 5.4.2.2.1. tkun tidher wara l-installazzjoni tal-fanali;
- 5.4.2.2.2. ebda komponenti li jitrasmettu d-dawl tal-fanali raggruppati, ikkombinati jew reċiprokament inkorporati ma jistgħu jitneħħew mingħajr ma titneħħa fl-istess ħin il-marka ta' l-approvazzjoni.
- 5.4.2.3. Is-simbolu ta' identifikazzjoni għal kull fanal li jikkorrispondi għal kull Direttiva li taħtha nġhatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent, flimkien man-numru tas-sekwenza (ara l-punt 5.2.2) u, fejn neċessarju, il-vleġġa meħtieġa għandhom ikunu mmarkati:
- 5.4.2.3.1. jew fuq il-wiċċ approprijat li jarmi d-dawl;
- 5.4.2.3.2. jew fi grupp, b'dak il-mod li kull wieħed mill-fanali raggruppati, kombinati jew reċiprokament inkorporati jista' jiġi identifikat b'mod ċar.
- 5.4.2.4. Id-dimensjonijiet tal-komponenti ta' din il-marka m'għandhomx ikunu inqas mid-dimensjonijiet minimi speċifikati għall-marki idividwali mid-Direttivi varji li taħthom nġhatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.
- 5.4.2.5. Eżempji ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal fanal li hu raggruppat, ikkombinati jew reċiprokament inkorporat ma' fanali oħrajn huma mogħtija fil-figura 2 ta' l-Appendiċi 5.
- 5.4.3. Il-fanali, li l-lenti tagħhom hi wżata għal tipi differenti ta' fanali u li jistgħu jiġu reċiprokament inkorporati jew raggruppati ma' fanali oħrajn:
- 5.4.3.1. id-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt 5.2.2. fuq għandhom japplikaw;
- 5.4.3.2. barra minn hekk, meta l-istess lenti hi wżata, din ta' l-aħħar jista' jkollha marki ta' l-approvazzjoni differenti li għandhom x'jaqsmu mat-tipi differenti ta' fanali ta' quddiem jew unitajiet ta' fanali, sakemm il-korp ewlieni tal-fanal ta' quddiem, anke jekk ma jistax jiġi sseparat mill-lenti, jinkludi wkoll l-ispażju deskritt fil-punt 3.1.1.2. fuq u jkollu l-marki ta' l-approvazzjoni tal-funzjonijiet attwali;
- 5.4.3.3. jekk tipi differenti ta' fanali ta' quddiem jinkludu l-istess korp ewlieni, dan ta' l-aħħar jista' jkollu l-marki ta' l-approvazzjoni differenti.
- 5.4.3.4. Eżempji ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal fanali reċiprokament inkorporati ma' fanal ta' quddiem huma mogħtija fil-figura 3 ta' l-Appendiċi 5.
6. MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT GĦAL SORSI TA' DAWL
- 6.1. B'żieda mal-marki msemmija fil-punt 3.1.2. jew 3.1.3., kull sors ta' dawl li jikkonforma mat-tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollu marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.

- 6.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f':
- 6.2.1. rettanglu madwar l-ittra 'e' b'warajh in-numru jew l-ittri li jiddistingwuh ta' l-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip:
- | | |
|------------------|----------------------|
| 1 għall-Ġermanja | 11 għar-Renju Unit |
| 2 għal Franza | 12 għall-Awstrija |
| 3 għall-Italja | 13 għall-Lussemburgu |
| 4 għall-Olanda | 17 għall-Fillandja |
| 5 għall-Isvezja | 18 għad-Danimarka |
| 6 għall-Belġju | 21 għall-Portugall |
| 9 għal Spanja | 23 għall-Greċja |
| | IRL għall-Irlanda; |
- 6.2.2. il-kodiċi ta' l-approvazzjoni msemmi fil-punt 4.5. fil-qrib tar-rettanglu.
- 6.3. L-iskrizzjonijiet u l-marki speċifikati fil-punti 3.1.2., 3.1.3. u 6.1. għandhom jinqraw b'mod ċar u li ma jitħassarx.
- 6.4. Eżempju tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE għal sors ta' dawl hu mogħti fil-figura 4 ta' l-Appendiċi 5.
7. MODIFIKA TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET
- 7.1. Fil-każ ta' modifika tat-tip approvati skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.
8. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 8.1. Bħala regola ġenerali, il-miżuri biex jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu kon-formi mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.
- 8.2. B'mod partikolari, it-testijiet li għandhom jitwettqu skond il-punt 2.3.5. ta' l-Anness X mad-Direttiva 70/156/KEE huma dawk preskritti fl-
- Anness 3 u fl-Anness 7 paragrafu 3 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1., ta' l-Anness II,
 - Anness 3 u fl-Anness 6 paragrafu 3 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1., ta' l-Anness III,
 - Anness 2 u fl-Anness 6 paragrafu 3 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1., ta' l-Anness IV,
 - Anness 5 u fl-Anness 6 paragrafu 3 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1., ta' l-Anness V,
 - Anness 5 u fl-Anness 7 paragrafu 3 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1., ta' l-Anness VI,
 - Anness 6 u fl-Anness 7 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1. ta' l-Anness VII,
 - Anness 8 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness VIII, jew
 - Annessi 6 u 7 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1. ta' l-Anness IX, kif applikabbli,

u l-kriterji li għandhom jintużgħu fl-għażla tal-kampjuni għat-testijiet imsemmija fil-punti 2.4.2. u 2.4.3. ta' l-Anness X mad-Direttiva 70/156/KEE huma dawk stipulati fl-

- Anness 8 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness II,
- Anness 7 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness III,
- Anness 7 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness IV,
- Anness 7 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness V,
- Anness 8 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness VI,
- Annessi 8 u 9 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1. ta' l-Anness VII,
- Anness 9 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness VIII, jew
- Anness 8 tad-dokumenti msemmija fil-punt 2.1 ta' l-Anness IX, kif applikabbli.

- 8.3. Il-frekwenza normali ta' l-ispezzjonijiet awtorizzati mill-awtorità ta' l-approvazzjoni għandhom ikunu wieħed kull sentejn.
-

Appendiċi 1

Nru tad-dokument ta' informazzjoni

li għandu x'jaqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent ta' fanali ta' quddiem li jiffunzjonaw bħala fanali ta' quddiem ta' dawl ewlieni u/jew ta' dawl baxxut

(Direttiva 76/761/KEE, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva.../.../KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

